

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 291/2011

tal-24 ta' Marzu 2011

dwar l-użi essenzjali ta' sustanzi kkontrollati għajr l-idroklorofluworokarburi fil-laboratorju u għall-skopijiet ta' analiżi fl-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar Sustanzi li jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Unjoni diġà waqqfet b'mod gradwali l-produzzjoni u l-konsum tas-sustanzi kkontrollati fil-biċċa l-kbira tal-użi. Il-Kummissjoni hija meħtieġa tiddetermina l-użi essenzjali fil-laboratorji u għal skopijiet ta' analiżi għal sustanzi kkontrollati oħra minbarra l-idroklorofluworokarburi.
- (2) Id-Deċiżjoni XXI/6 tal-Partijiet fil-Protokoll ta' Montreal tikkonsolida d-deċiżjonijiet eżistenti u testendi l-eżenzjoni globali għall-użi fil-laboratorju u għal skopijiet ta' analiżi mill-31 ta' Diċembru 2010 sal-31 ta' Diċembru 2014 għas-sustanzi kkontrollati kollha għajr l-idroklorofluworokarburi u b'hekk tawtorizza l-produzzjoni u l-konsum meħtieġa biex jissodisfaw l-użi fil-laboratorju u għal skopijiet ta' analiżi tas-sustanzi kkontrollati, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll ta' Montreal.
- (3) Id-Deċiżjoni VI/25 tal-Partijiet fil-Protokoll ta' Montreal tispeċifika li użu jista' jitqies bħala essenzjali biss jekk ma jkun hemm disponibbli l-ebda alternattiva jew sostitut teknikament u ekonomikament fattibbli jew sostituti li huma aċċettabbli mil-lat ambjentali u tas-saħħa. Fir-Rapport tiegħu tal-2010 dwar il-Progress, il-Bord tal-Valutazzjoni Teknika u Ekonomika (BVTE) identifikat għadd sinifikanti ta' proċeduri li għalihom issa

hemm alternattivi għall-użu tas-sustanzi kkontrollati. Abbażi ta' dik l-informazzjoni u d-Deċiżjoni XXI/6, għandha tiġi stipulata lista ta' dawk l-użi li għalihom hemm alternattivi tekniċi u ekonomikament fattibbli li huma aċċettabbli mil-lat ambjentali u tas-saħħa.

- (4) Għandha tiġi stipulata lista pożittiva ta' użi essenzjali permessi tal-bromur tal-metil, kif miftiehem mill-Partijiet fid-Deċiżjoni XVIII/15, kif ukoll tal-użi li ġew identifikati mill-BVTE bħala li ma għandhomx alternattivi.
- (5) Barra minn dan, għandu jiġi ċċarat li l-użu tas-sustanzi kkontrollati għal skopijiet ta' edukazzjoni primarja u sekondarja ma jstax jitqies bħala essenzjali u għandu jiġi limitat għall-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali. Iżjed minn hekk, l-użu tas-sustanzi kkontrollati fis-settijiet tal-kimika sperimentali disponibbli għall-pubbliku ġenerali ma għandux jitqies bħala essenzjali.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-produzzjoni, l-importazzjoni u l-użu ta' sustanzi kkontrollati għajr l-idroklorofluworokarburi jistgħu jiġi awtorizzati għal kwalunkwe użu essenzjali fil-laboratorju jew skop ta' analiżi speċifikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Marzu 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

Użi essenzjali ta' sustanzi kkontrollati għajr l-idroklorofluworokarburi fil-laboratorju u għal skopijiet ta' analiżi

1. L-użi li għejjin tas-sustanzi kkontrollati għajr l-idroklorofluworokarburi jitqiesu bħala essenzjali għall-użi fil-laboratorji u għal skopijiet ta' analiżi:
 - (a) L-użu ta' sustanzi kkontrollati bħala referenza jew standard
 - sabiex jiġi kkalibrat it-tagħmir li juża sustanzi kkontrollati,
 - sabiex jiġu mmonitorjati l-livelli ta' sustanzi kkontrollati,
 - sabiex jiġu ddeterminati l-livelli tar-residwi ta' sustanzi kkontrollati fl-oġġetti, il-pjanti u l-komoditajiet;
 - (b) L-użu ta' sustanzi kkontrollati fl-istudji tossikoloġiċi fil-laboratorju;
 - (c) Użi fil-laboratorji fejn is-sustanza kkontrollata tiġi ttrasformata freazzjoni kimika, pereżempju sustanzi kkontrollati użati bħala għalf;
 - (d) L-użu tal-bromur tal-metil fl-laboratorju sabiex tiġi pparagunata l-effikaċja tal-bromur tal-metil u l-alternattivi tiegħu;
 - (e) L-użu tat-tetraklorur tal-karbonju bħala solvent għar-reazzjonijiet tal-bromurazzjoni li jinvovlu l-N-bromosuccinimmid;
 - (f) L-użu tat-tetraklorur tal-karbonju bħala aġent tat-trasferiment tul katina freazzjonijiet tal-polimerizzazzjoni b'radikali liberi;
 - (g) Kwalunkwe użu ieħor fil-laboratorju u ta' analiżi li għalih mhix disponibbli alternattiva teknikament u ekonomikament fattibbli.
2. L-użi li għejjin tas-sustanzi kkontrollati għajr l-idroklorofluworokarburi ma jitqisux bħala essenzjali għall-użi fil-laboratorji u ta' analiżi:
 - (a) Tagħmir tar-refriġerazzjoni u l-arja kkondizzjonata użati fil-laboratorji, inkluż it-tagħmir refriġerat tal-laboratorju bħall-ultraċentrifugi;
 - (b) Tindif, tħaddim mill-ġdid, tiswija jew bini mill-ġdid ta' komponenti jew settijiet elettroniċi;
 - (c) Preżervazzjoni ta' pubblikazzjonijiet u arkivji;
 - (d) Sterilizzazzjoni tal-materjali fl-laboratorju;
 - (e) Kwalunkwe użu fl-edukazzjoni primarja u sekondarja;
 - (f) Bħala komponenti f'settijiet tal-kimika sperimentali disponibbli għall-pubbliku ġenerali u mhux intenzjonati għall-użu fl-edukazzjoni għolja;
 - (g) Għal skopijiet ta' tindif jew tnixxif, fosthom it-tneħħija ta' grass minn mal-ħġieġ u tagħmir ieħor;
 - (h) Għad-determinazzjoni tal-idrokarburi, żjut u grass fl-ilma, il-ħamrija, l-arja jew l-iskart;
 - (i) Għall-ittestjar tal-qatran fil-materjali tal-kisi tat-toroq;
 - (j) Għall-immarkar forensiku tal-marki tas-swaba;
 - (k) Għall-ittestjar tal-materja organika fil-faħam;
 - (l) Bħala solvent fid-determinazzjoni tal-indiċi taċ-ċjanokobalamina (il-Vitamina B12) u tal-bromu;
 - (m) Fil-metodi li jużaw is-solubbiltà selettiva tas-sustanzi kkontrollati, inklużi d-determinazzjoni tal-kaskarosidi, estratti mit-tirojde u l-formazzjoni ta' pikrati;
 - (n) Sabiex jiġu pprekondensati l-analiti fil-metodi kromatografiċi (eż. kromatografija b'fażi likwida ta' rendiment għoli (HPLC), kromatografija b'fażi gassuża (GC), kromatografija adsorbenti, spettroskopija tal-assorbiment atomiku (AAS), spettroskopija bi plażma akkoppjata induttivament (ICP), analiżi tal-fluworessenza bir-raġġi-X);
 - (o) Għad-determinazzjoni tal-indiċi tal-jodju fix-xaħmijiet u ż-żjut;
 - (p) Kwalunkwe użu ieħor fil-laboratorju u għal skopijiet ta' analiżi li għalih hija disponibbli alternattiva teknikament u ekonomikament fattibbli.